Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,316, 26 ta' Settembru, 2014
Taqsima B

A.L. 342 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Health Science - Dip. Health Science - taħt il-patroċinju tal- Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 169 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-Artikolu 1 tal-Appendiċi I għall-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (a) tal-Artikolu 1 tal-Appendiċi I għall-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'sitt suġġetti, li jinkludu l-Malti, l-Ilsien Ingliż, il-Matematika, u l-Bijoloġija; jew"